StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

Skejjel Primarji

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2008/2009

| IR-RABA' SENA | MALTI – KITBA | ĦIN: siegħa u kwart |
|---|---|---|

Isem: ______________________ Klassi: ___________

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Ikteb ismek u l-isem tal-klassi. Taqlibx il-paġna qabel jgħidulek.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn ; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

## A. Storja

***Aqra sewwa l-istorja t'hawn taħt. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.***
***In-numri fit-tarf tal-paragrafi jgħinuk issib it-tweġibiet.***

### Jum Speċjali

Kien jum sabiħ b'sema żar kristall. Kevin stenbaħ kmieni ħafna. Daqs kemm kien eċċitat, bilkemm kien raqad matul dak il-lejl. Dak kellu jkun jum speċjali għalih u għall-familja kollha. **(Paragrafu 1)**

Wara ftit Kevin niżel isfel u ħa l-kolazzjon li kienet lestitlu ommu. Kellu seba' mitt sena sakemm jitilqu lejn l-ajruport. Fis-sebgħa u nofs telaq flimkien ma' ommu u missieru lejn il-Gudja. **(Paragrafu 2)**



L-ajruport kien mimli daqs bajda. Kulħadd kien qed jistenna bil-ħerqa l-wasla tal-ajruplan mill-Awstralja. Ftit tal-ħin wara t-tmienja u kwart l-ajruplan wasal u kulħadd deher ferħan se jtir. **(Paragrafu 3)**

Xi kwarta wara bdew ħerġin in-nies ħdejn qrabathom. Kevin beda jitla' fuq ponot subajh. Lin-nanna u lin-nannu qatt ma kien rahom ħlief fir-ritratti. "Hemm huma," għajjat ferħan missier Kevin. "Nanna, nannu hawn qegħdin!" tenna Kevin. **(Paragrafu 4)**



www.StudentBounty.com

In-nanna telqet il-basket minn idejha u ġriet
għal fuqhom u bdiet tgħannaq u tbus lit-tifel fil
li qalet, "Kevin għażiż tagħna, ilni disa' sni
nistenna li narak!" **(Paragrafu 5)**

StudentBounty.com

---

**Wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi sħaħ.**

1. Kif kien it-temp dakinhar tal-ġrajja? **(Paragrafu 1)**

______________________________________________

______________________________________________

______

2. Għaliex Kevin bilkemm kien raqad matul dak il-lejl? **(Paragrafu 1)**

______________________________________________

______________________________________________

______

3. Min kien ipprepara l-kolazzjon? **(Paragrafu 2)**

______________________________________________

______________________________________________

______

4. Fejn kienu sejrin dakinhar? **(Paragrafu 2)**

______________________________________________

______________________________________________

______

5. Minn fejn ġie l-ajruplan li kienu fuqu n-nanniet ta' Kevin? **(Paragrafu 3)**

______________________________________________

______________________________________________

6. Min lemaħ lin-nanna u lin-nannu ta' Kevin l-ewwel? **(Paragrafu 4)**

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com

7. Kemm-il sena taħseb li kellu Kevin?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

8. Għaliex taħseb li kien jum speċjali għal Kevin dakinhar?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**Persuna minn Malta ngħidulha Maltija. X'ngħidulha persuna ġejja:**

1. mill-Italja: ____________
2. mill-Ġermanja: ____________
3. mill-Awstralja: ____________
4. mill-Ingilterra: ____________
5. minn Franza: ____________

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numru t-tajjeb.**

| | KOLONNA A | | KOLONNA B |
|---|---|---|---|
| **1.** | mimli daqs bajda | | kuntent ħafna |
| **2.** | ferħan se jtir | | kien ħerqan ħafna |
| **3.** | kellu seba' mitt sena | | imballat bin-nies |

***20 marka***

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**Daħħal l-artiklu meħtieġ.** *7 marki*

_____żewġt itfal ħarġu _____ballun u jilagħbu. Iżda wara xi siegħa _____żarbun ta' Paw tqatta' u kellhom jieqfu. _____tnejn flimkien telqu lejn _____dar xi ftit imdejqin. Hekk kif ommhom fetħet _____bieb u rat lil Pawlu biż-żarbun f'idu, bdiet titbissem. "M'hemmx x'tagħmel," qaltlu. "Issa neħduh għand _____skarpan jew nixtru wieħed ġdid!"



|. **Ikteb l-imperattiv (KMAND) singular u plural ta' dawn il-verbi.**
**L-ewwel waħda ssibha lesta.** *10 marki*

| | VERB | IMPERATTIV SINGULAR | IMPERATTIV PLURAL |
|---|---|---|---|
| 1. | kiteb | Int **ikteb**! | Intom **iktbu**! |
| 2. | telaq | Int _________________! | Intom __________________! |
| 3. | fetaħ | Int _________________! | Intom __________________! |
| 4. | rikeb | Int _________________! | Intom __________________! |
| 5. | ħadem | Int _________________! | Intom __________________! |
| 6. | qabeż | Int _________________! | Intom __________________! |

StudentBounty.com

**D. Aqleb fil-Plural. L-ewwel waħda ssibha lesta.**
***marka***



| | SINGULAR | PLURAL |
|---|---|---|
| 1. | żiemel iswed | **żwiemel suwed** |
| 2. | karta bajda | |
| 3. | bieb aħmar | |
| 4. | dar sabiħa | |
| 5. | siġġu komdu | |
| 6. | ħabib ġdid | |
| 7. | kamra kbira | |



**E. Daħħal in-nom li juri ġemgħa. L-ewwel waħda ssibha lesta.** ***5 marki***

1. Quddiem l-iskola kien hemm **ċorma** **tfal**.
2. Mad-dielja hemm ________________ **għeneb**.
3. Fir-razzett rajna ________________ **mogħoż**.
4. Rebaħ ________________ **flus**.
5. Fil-pjazza hemm ________________ **suldati**.
6. Fil-port daħlet ________________ **vapuri**.





**F. Ikteb il-kontra tal-kliem li hemm fil-parentesi.**
**L-ewwel waħda ssibha lesta.** ***5 marki***

Dalgħodu t-temp kien tassew (ikrah) **sabiħ**. Jien u oħti (l-kbira) ________________ ġibna l-ballun l-(iswed) ________________ mill-kaxxa tal-



www.StudentBounty.com

ġugarelli. (Dħalna ġewwa) ________ _______________ u bdejna nilagħbu.

Wara ftit ħassejna (l-kesħa) _______________ u mor nixorbu tazza ilma.

StudentBounty.com

**Ġ. Ikteb il-femminil ta' kull kelma b'sing taħtha.**
**L-ewwel waħda ssibha lesta.** ***6 marki***

1. Fil-kamra kien hemm **tifel** u **tifla**.
2. In-**nannu** u n-_______________ joqogħdu B'Kara.
3. **Ħija** u _______________ marru s'għand iz-zija Rita.
4. Fil-gallinar rajt **serduk** u _______________.





5. Il-bidwi xtara **fenek** u _______________.
6. Il-**żiemel** u d-_______________ kienu qed jiġru fl-għalqa.
7. **Ibni** jismu Mark u _______________ jisimha Marija.

**G. Komponiment – Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI dwar WIEĦED minn dawn:**

1. Għaliex inħobb l-iskola tiegħi
2. Il-ħbieb tiegħi
3. Ħolma sabiħa

www.StudentBounty.com

4. X’inħobb nagħmel fil-ħin liberu tiegħi

5. Logħba li spiċċat ħażin *Uża l-istampi t’hawn taħt biex tikteb storja.*




***20 marka***

Komponiment: ____________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com